MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 764/1988/2

**Concettina nee` Zammit mart Joseph Chetcuti**

**v.**

**Anthony Zammit u John Zammit u Doris nee` Zammit mizzewga Debono; u b'digriet ta' l-20 ta' Marzu 1990 il-Qorti ordnat il-kjamat in kawza ta' Joseph Debono fil-kwalita` tieghu bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu Doris Debono**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Awissu 1988 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Illi l-attrici hija wahda mill-eredi ta' Antonia u Joseph Zammit u dan kif jirrizulta mit-testment hawn anness u markat Dokument A u Dokument B;

Illi d-dispozizzjonijiet tal-imsemmija testment jirregolaw id-dritt ghall-legittima tal-attrici;

Illi l-konvenuti kienu diversament interpellati biex jaghtu l-legittima spettanti lill-attrici izda inutilment;

Talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-legittima spettanti lill-attrici giet regolata bid-dispozizzjonijiet tal-annessi testmenti markati bhala dokumenti A u B, rispettivament;

2. Tistabbilixxi l-legittima spettanti lill-attrici hekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tassenja lill-attrici dik il-legittima hekk stabbilita.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Anthony Zammit, John Zammit u Doris nee` Zammit mizzewga Debono pprezentata fit-3 ta' Marzu 1989 fejn qalu:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez b'kollox stante li l-esponenti gja hallsu ghas-saldu lill-attrici dak li hija qieghda tippretendi fic-citazzjoni taghha;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet tas-26 ta' Mejju 1989 li permezz tieghu gew nominati Norman Spiteri, accountant, sabiex jigi stabbilit il-valur, fil-mument tal-wirt successiv tal-genituri tal-kontendenti, ta' l-avvjament tat-tliet hwienet f'tas-Sliema, u l-hanut f'5 Ponmsomby Street, Gzira, u Dr. Frank Camilleri, perit legali;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-istess konvenuti pprezentata fis-7 ta' Dicembru 1989 fejn qalu:

1. Illi c-citazzjoni kif prezentata hija nulla stante li l-attrici ma ghandhiex l-amministrazzjoni tal-beni mertu tal-kawza li hija vestita f’zewgha bhala l-amministratur tal-beni parafernali ta’ martu u kap tal-komunjoni tal-akkwisti;
2. Illi fit-tieni lok il-gudizzju mhux integru peress li jehtieg li jkun parti mill-kawza wkoll zewg il-konvenuta Doris Debono.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-istess konvenuti pprezentata fil-15 ta' Marzu 1990 fejn qalu:

Illi t-talbiet kif kontenuti fic-citazzjoni huma preskritti skond l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri ohra;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Marzu 1990 fejn, fuq talba ta' l-attrici, gie kjamat fil-kawza Joseph Debono fil-kwalita` tieghu bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu Doris Debono;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Debono nomine pprezentata fit-30 ta' April 1990 fejn qal:

1. Illi c-citazzjoni kif prezentata hija nulla stante li l-attrici ma ghandhiex l-amminstrazzjoni tal-beni mertu tal-kawza li hija vestita f’zewgha bhala l-amministratur tal-beni parafernali ta’ martu u kap tal-komunjoni tal-akkwisti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet kif kontenuti fic-citazzjoni ddekadew skond l-artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

3. Illi fil-meritu l-esponenti gja hallsu ghas-saldu lill-attrici dak li hija qieghda tippretendi fic-citazzjoni, anzi, kif ser ikun pruvat waqt il-kawza, kienet l-attrici stess li b’idejha thallset u garret mill-gid tal-genituri taghha, u kwindi t-talba taghha ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontra taghha;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Gunju 1990 fejn giet michuda l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni attrici mhix proponibbli ghaliex iddekadiet billi ma gietx proposta sat-13 ta' Dicembru 1985;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Marzu 1993 fejn ikkonfermat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju 1990;
Rat id-digriet tat-8 ta' April 1994 li permezz tieghu gie nominat John Bonnici bhala perit komputista in sostituzzjoni ta' Norman Spiteri;

Rat li ghall-perit legali Dr. Frank Camilleri li gie elevat ghall-gudikatura ma saret l-ebda sostituzzjoni;

Rat ir-relazzjoni tal-perit komputista John Bonnici debitament mahlufa fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 1999;

Rat in-nota ta' l-attrici ta' l-istess data li permezz taghha talbet in-nomina ta' periti addizzjonali;

Rat il-verbal tal-5 ta' Novembru 1999 fejn Dott. David Camilleri ghall-attrici prezenti rtira t-talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali;

Rat in-nota ta' kritika ta' l-attrici u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

In lineja preliminari, l-eccezzjoni tan-nullita` tac-citazzjoni stante li l-attrici m'ghandhiex l-amministrazzjoni tal-beni parafernali mertu tal-kawza hi respinta in vista ta' dak li llum jipprovdi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1334 tal-Kap.16.

Fil-mertu, jirrizulta li b'testment "unica charta" pubblikat min-Nutar Victor Bisazza fis-17 ta' Novembru 1966 (fol. 4), Joseph u Antonia konjugi Zammit, genituri tal-kontendenti ahwa Zammit, innominaw bhala eredi universali taghhom lill-erba' uliedhom, fosthom l-attrici. B'testment addizzjonali publikat min-Nutar Victor John Bisazza fit-2 ta' Dicembru 1973, Antonia Zammit ikkonfermat id-disposizzjonijiet tat-testment "unica charta" msemmi in kwantu mhux inkompatibbli ma' l-imsemmi testment addizzjonali li permezz tieghu, *inter alia*, halliet b'titolu ta' prelegat lill-attrici s-somma ta' Lm300.

Joseph Zammit miet fil-25 ta' Mejju 1973 filwaqt li Antonia Zammit mietet fit-13 ta' Dicembru 1974. L-attrici, bl-azzjoni odjerna, qieghda titlob li tigi stabbilita u assenjata l-legittima li tmiss lilha mill-assi tal-genituri taghha.

L-attrici tippremetti, u anke titlob dikjarazzjoni f'das-sens fic-citazzjoni, li l-legittima spettanti lilha giet regolata bid-disposizzjonijiet tat-testmenti fuq imsemmija. Minn ezami ta' dawn it-testmenti, kif diga` gie ndikat, l-attrici giet nominata bhala wahda mill-eredi universali u mhux bhala legittimarja. B'verbal ta' l-4 ta' April 1989 pero` gie dikjarat illi l-attrici kienet irrinunzjat ghat-testment tal-genituri b'nota fis-Sekond'Awla. Billi l-attrici u hutha huma erba' ahwa, sehemha bhala legittima huwa ta' terz minn kwart, cioe` dodicezima parti, mill-assi ereditarji.

It-testaturi, jigifieri l-genituri tal-partijiet, kellhom erbat ihwienet u ghalhekk l-inkarigu tal-perit komputista kien specifikatament sabiex jistabilixxi l-avvjament ta' dawn il-hwienet. Dawn kienu (1) 48c Tower Road, Sliema, (2) 1 High Street, Sliema, (3) 3 High Street, Sliema, u (4) 5 Ponsomby Street, Gzira.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit komputista jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet ta' rilevanza:

"19.2 Fil-formola tat-taxxa tas-successjoni l-konvenuti Anthony u John Zammit ivvalutaw il-valur tat-tliet hwienet principali hawn taht indikati Lm530 kull wiehed li tkopri 'The goodwill of the shop known as Blackpool situated at

3 High Street Sliema with all relative permits, licenc es and all equipment (but no merchandise because the shop sold on a commission basis on the by return scheme). On the basis of double te average income earned by the deceased during the last five years from his three shops (vide item 3 re: 48c Tower Road Sliema and item 5 re: 5 Ponsomby Street, Gzira), the relative information being obtained from the income tax returns of the deceased for the years of assessment from 1967 to 1972'. L-esponent jidhirlu li dan mhux mod korrett ghaliex:

(i) il-valur ta' negozju ma jikkonsistix biss fl-avvjament (goodwill);
(ii) il-valur ta' kull hanut ghandu jinhadem separatament;
(iii) mhux f'kull hanut kellhom stock on consignment biss; u
(iv) is-snin 1967 sa 1972 huma sitta u mhux hamsa kif huma stess indikaw li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-kalkolu ta' avvjament.

19.3 L-'Income Tax Returns' ghas-snin attwali 1969/73, b'tas-sena 1972 nieqsa, gew esebiti mill-kovenut Anthony Zammit (Dok. H sa K) mal-affidavit Dok. Azi. Billi dik ta' l-ahhar sena tlahhaq biss sal-mewt ta' missier il-partijiet jigifieri 5 xhur biss li fihom aktarx li kien marid, l-esponent jidhirlu li jinkludi fil-kalkoli tieghu dik tas-sena 1968 Dok. G minflok tal-1973.

(a) Dok. H jindika bhala indirizz ta' negozju 48c Tower Road, Sliema biss. Hemm mehmuz 'Trading & Profit and Loss A/c' ghas-sena 1969 li jindika kemm qliegh minn 'sales' u kemm minn 'commissions', qliegh nett ta' Lm729, 'closing stock', u 'Depreciation' fost ohrajn. Rigward 5 Ponsomby Street hemm biss figura ta' Lm19 bhala dhul ta' kera u dwar 1 u 3 High Street, Sliema xejn.
(b) Dok I jindika bhala indirizz ta’ negozju 48c Tower Road Sliema biss. Hemm mehmuz 'Trading & Profit and Loss A/c' ghas-sena 1970 li jindika kemm qliegh minn 'sales' u kemm minn 'commissions', qliegh nett ta’ Lm759, 'closing stock', u 'Depreciation' fost ohrajn. Rigward 5

Ponsomby Street hemm biss figura ta' Lm19 bhala dhul ta' kera u dwar 1 u 3 High Street Sliema it-tnejn xejn.

(c) Dok J jindika bhala indirizz ta' negozju 48c Tower Road Sliema biss. Hemm mehmuz 'Trading & Profit and Loss A/c' ghas-sena 1971 li jindika kemm qliegh minn 'sales' u kemm minn 'commissions', qliegh nett ta' Lm884, 'closing stock', u 'Depreciation' fost ohrajn. Rigward 5 Ponsomby Street hemm biss figura ta' Lm19 bhala dhul ta' kera u dwar 1 u 3 High Street Sliema it-tnejn xejn.

(d) L-'Income Tax Return' relattiva ghas-sena 1972 ma gietx esebita.

(e) Dok K huwa 'Income Tax Return' li jindika d-dhul li kien ghamel missier il-partijiet sa ma miet f'Mejju tas-sena 1973. Kif intqal hawn fuq, fic-cirkostanzi l-esponent ghazel li jiehu in konsiderazzjoni fil-kalkoli tieghu dik tas-sena 1968 biex ikollu hames snin shah. Din tindika bhala indirizz ta' negozju 48c Tower Road Sliema biss. Hemm mehmuz 'Trading & Profit and Loss A/c' ghas-sena 1968 li jindika kemm qliegh kemm minn 'sales' u kemm minn 'commissions', qliegh nett ta' Lm610, closing stock, u 'Depreciation' fost ohrajn. Rigward 5 Ponsomby Street hemm biss figura ta' Lm19 bhala dhul ta' kera u dwar 1 u 3 High Street Sliema xejn.

19.4 Minn din l-analizi jirrizulta illi

(a) 48c Tower Road Sliema:

| | | |
|---|---|---|
| | Qliegh 1968 | Lm610 |
| 1969 | | 729 |
| 1970 | | 759 |
| 1971 | | 884 |
| 1972 | | 972 (kalkolat) |
| Total | 3954 | |
| Avvjament | 1582 | |
| Stock 31/5/73 | 457 | |
| 'Equipment"' | 100(kalkolat fuq ir-'rate of depreciation') | |
| Valur totali | Lm2139 | |

19.5 Wiehed jinnota li jekk jikkomparahom mal-qliegh li ghamel il-konvenut Anthony Zammit (skond in-Nota tieghu a foljo 120 tal-process) mill-istess hanut a bazi tal-indici ta' Inflazzjoni, il-figuri ta' hawn fuq huma aktarx baxxi u huma

prova li l-figuri murija fl-'Income Tax Return' kienu ta' hanut wiehed kif indikat l-indirizz tan-negozju fuq l-istess 'Returns'. Figuri dwar Blackpool Store 3 High Street, Sliema ma nghatawx. Mix-xhieda li nghatat, fuq bazi ta' probabilita`, il-bejgh kien bejn wiehed u iehor daqs dak minn 48c Tower Road izda ma kienx fih merkanzija li tappartjeni lill-partijiet ghax il-white goods kienu jinxtraw 'on consignment basis' u, ghalhekk, il-prezz tieghu fl-1973 wiehed jikkalkolah Lm1682. Figuri dwar il-bejgh minn 5 Ponsomby Street, Gzira ukoll ma nghatawx izda kemm minhabba l-lokalita tieghu u kemm x'wiehed jista' jaqbad mix-xhieda li nghatat, il-profitti jidhru li setghu kienu anqas mit-tnejn ohra u gustament il-prezz jista' jigi kkalkolat b'nofs ghal Lm841. Ma jidhirx li l-hanut 1 High Street Sliema kien qed jintuza fi zmien il-mewt ta' Joseph Zammit.

19.6 Meta ma' dawn il-prezzijiet tal-hwienet wiehed jghodd il-figuri l-ohra ndikati fid-denunzja u li ma jistghux jigu ccekkjati, jigifieri 'Cash in Hand' Lm805, karozza LM265, merkanzija mizmuma f'1 High Street Sliema Lm80 u ghamara Lm80, il-valur totali ta' l-assi tal-konjugi Zammit fid-data tal-mewt tal-missier kienu, parzjalment fuq bazi ta' probabilita`, ilahhqu Lm5,892.

19.7 Hadd mill-partijiet ma gieb provi dwar kif kienet is-sitwazzjoni fid-data tal-mewt ta' l-omm f'Dicembru 1974 wara marda kemmxejn twila. L-esponent jidhirlu li ftit li xejn seta' sar kambjament hlief ghal fatt li kien rega' beda jigi gestit il-hanut 1 High Street Sliema skond 'Trading and Profit and Loss' mehmuz ma' Dok K li juri stock fl-ahhar ta' 1973 ta' Lm200 u profitt ghal kwazi nofs sena ta' Lm130. Jista' jkun li biex jinfetah mill-gdid u jitmexxa dan il-hanut tmessew il-'Cash in Hand' li kien hemm f'mewt Joseph Zammit. Ghalhekk, fuq bazi ta' probabilita`, l-esponent jidhirlu li l-valur kalkolat ta' l-assi fl-1972 ta' Lm5892 jistghu jizdiedu biss fuq bazi ta' l-Indici ta' l-Inflazzjoni ghall-1974 u jitilghu ghal Lm6811."

Fin-nota ta' kritika taghha l-attrici tirrimarka li l-perit komputista kellu jikkalkola wkoll il-valur tal-kirjiet tal-hwienet. Il-konvenuti jwiegbu li huma baqghu fil-pussess

tal-hwienet bis-sahha tal-provvedimenti tal-Kap. 69 fis-sens li huma kienu jikkwalifikaw bhala "kerrejja" galadarba fi zmien il-mewt tal-genituri taghhom kienu jahdmu fil-hwienet rispettivi. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti ghandhom ragun u m'ghandu jigi attribwit l-ebda valur ghall-kirjiet.

L-attrici tghid ukoll illi ghandu jsir aggustament tal-valur skond iz-zieda fl-gholi tal-hajja. Il-konvenuti jsostnu li l-valutazzjoni ghandha ssir b'referenza ghall-mument ta' l-apertura tas-successjoni. Il-Qorti taqbel illi l-valutazzjoni li tinghata ghandha tkun dik fil-mument ta' l-apertura tas-successjoni izda mbaghad ghandha titqies ir-rata ta' inflazzjoni minn dakinhar sa meta ssir l-assenjazzjoni tal-legittima. Wara kollox kieku si trattava ta' beni immobbiljarja li jkollha tinbiegh, il-valur assenjat huwa s-sehem mir-rikavat u mhux mill-valur ta' dik il-proprjeta` fid-data tal-mewt.

Din il-Qorti osservat li l-perit komputista ma ta l-ebda valur ghall-hanut 1 High Street, Sliema ghax qal li ma kienx qed jintuza fi zmien il-mewt ta' Joseph Zammit izda accetta li kien infetah meta mietet Antonia Zammit. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jinghata valur xorta wahda u dan qed jigi stabbilit *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' Lm800.

Ghaldaqstant il-valur ta' l-assi tal-konjugi Zammit fl-1972 kien ta' Lm5,892 + Lm800, cioe` Lm6,692. Minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu l-ispejjez tal-funeral ta' Joseph Zammit ammontanti ghal Lm107 u l-ispejjez ta' l-ahhar marda tieghu ammontanti ghal Lm59.91 (dawn kif jirrizulta mid-denunzja) li jhallu ghalhekk valur nett ta' Lm6,525.09. A bazi ta' l-indici ta' l-inflazzjoni dan l-ammont jitla' ghal Lm7,544.51 fl-1974[1]. Minnu jitnaqqsu l-ispejjez tal-funeral ta' Antonia Zammit ammontanti ghal Lm109.50 u dawk konnessi mar-rikoveru taghha fil-Blue Sisters Hospital ammontanti ghal Lm499.50 (dawn kif jirrizultaw mid-Dok. AZ30 sa AZ39). Ghalhekk il-valur nett fl-1974 huwa ta' Lm6,935.51. A bazi ta' l-indici ta' l-inflazzjoni tas-sena 2004 dan il-valur jitla' ghal Lm19,692.87[2]. Sehem l-attrici

[1] Ghas-sena 1972 l-indici kien ta' 202.52 filwaqt li ghas-sena 1974 dan kien ta' 234.16.
[2] Ghas-sena 2004 l-indici kien ta' 664.88.

ghaldaqstant huwa ta' dodicesima parti tas-somma ta' Lm19,692.87, cioe` Lm1,641.07.

Permezz tat-testment taghha tat-2 ta' Dicembru 1973, Antonia Zammit halliet lill-attrici prelegat ta' Lm300. Ma jirrizultax li dan l-ammont kien in sostituzzjoni tal-legittima u ghalhekk ghandu jitqies bhala akkont tieghu.

Mela s-somma spettanti lill-attrici bhala s-sehem legittimarju taghha wara li tkun thallset il-prelegat imsemmi huwa ta' Lm1,341.07. Billi mill-provi ma jirrizultax ghas-soddisfazzjon tal-Qorti li, kif sostnew il-konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom, hija thallset ghas-saldu dak li hija qieghda tippretendi, l-ammmont imsemmi huwa dovut.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) Tiddikjara li l-legittima spettanti lill-attrici giet regolata bit-testmenti suriferiti;
(2) Tillikwida l-legittima spettanti lilha fl-ammont ta' Lm1,341.07,u
(3) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici l-ammont ta' Lm1,341.07 hekk likwidat bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------